VERŻJONI ELETTRONIKA

MALTA

ATT Nru XXXIII tal-2018

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' arranġamenti ta' tekonoloġija innovattiva msemmija li hemm riferenza għalihom f'dan l-Att, kif ukoll ta' servizzi ta' teknoloġija innovattiva li hemm riferenza għalihom f'dan l- Att, sabiex jiġu eżerċitati mill-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta jew f'isimha funzjonijiet regolatorji fir-rigward ta' dawk l-arranġamenti u servizzi.

ACT No. XXXIII of 2018

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT to provide for the regulation of designated innovative technology arrangements referred to in this Act, as well as of designated innovative technology services referred to in this Act, and for the exercise by or on behalf of the Malta Digital Innovation Authority of regulatory functions with regard thereto.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **MARIE-LOUISE COLEIRO PRECA**
President

20 ta' Lulju, 2018

ATT Nru XXXIII tal-2018

ATT sabiex jipprovdi għar-regolamentazzjoni ta' arranġamenti ta' tekonoloġija innovattiva msemmija li hemm riferenza għalihom f'dan l-Att, kif ukoll ta' servizzi ta' teknoloġija innovattiva li hemm riferenza għalihom f'dan l-Att, sabiex jiġu eżerċitati mill-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta jew f'isimha funzjonijiet regolatorji fir-rigward ta' dawk l-arranġamenti u servizzi.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħarġet b'liġi dan li ġej:-

TAQSIM TAL-ATT

		Artikoli
Taqsima I	Preliminari	1 - 2
Taqsima II	Prinċipji ta' Għarfien	3 - 6
Taqsima III	Ċertifikazzjoni ta' Arranġamenti ta' Teknoloġija Innovattiva	7 - 8
Taqsima IV	Reġistrazzjoni ta' Provdituri ta' Servizz	9 - 11
Taqsima V	Dispożizzjonijiet Mixxellanji	12 - 20

L-Ewwel Skeda	Arranġamenti ta' Teknoloġija Innovattiva
It-Tieni Skeda	Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva
It-Tielet Skeda	Żmien ta' Validità ta' Awtorizzazzjonijiet
Ir-Raba' Skeda	Dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-artikolu 8(4)(a)

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA I

Preliminari

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2018 dwar Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva.

(2) Dan l-Att għandu jidħol fis-seħħ f'dik id-data li l-Ministru responsabbli għall-Ekonomija Diġitali jista' b'avviż fil-Gazzetta jistabbilixxi, u dati differenti jistgħu jiġu hekk stabbiliti għal dispożizzjonijiet differenti jew għanijiet differenti ta' dan l-Att.

Tifsir.

2. (1) Sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, kliem u frażijiet mhux imfissra f'dan l-Att ikollhom l-istess tifsira kif l-imsemmija kliem u frażijiet għandhom fl-Att tal-2018 dwar l-Awtorità tal-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta.

Att Nru XXXI tal-2018.

(2) F'dan l-Att u fl-Iskedi li jinsabu miegħu, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra -

"amministratur" tfisser uffiċjal jew kull persuna li tiġi maħtura biex twettaq funzjonijiet ta' rappreżentanza u fiduċjarji fil-kontroll u amministrazzjoni ta' organizzazzjoni ġuridika, u kull persuna li twettaq tali funzjonijiet ukoll jekk taħt isem ieħor, iżda ma tinkludix amministratur tekniku jew aġent residenti taħt dan l-Att jew taħt l-Att tal-2018 dwar l-Attiv Finanzjarju Virtwali, u l-frażi "bord ta' amministrazzjoni" għandha tinftiehem skont hekk;

Att Nru XXX tal-2018.

"amministratur tekniku" tfisser persuna li, abbażi ta' inġagg bil-miktub, taċċetta li twettaq funzjonijiet speċifiċi fir-rigward tal-operazzjoni, kollha jew ta' parti msemmija tagħha, ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva, kif stabbiliti f'dan l-Att, f'linji gwida maħruġin mill-Awtorità, kif dawn jistgħu jiġu supplimentati bil-kondizzjonijiet applikabbli għaċ-ċertifikazzjoni tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva ċċertifikat partikolari;

"arranġament ta' teknoloġija innovattiva" tfisser arranġament elenkat fl-Ewwel Skeda;

Att Nru XXXII tal-2018.

"dan l-Att" tfisser l-Att tal-2018 dwar Arranġamenti u Servizzi ta' Teknoloġija Innovattiva, u tinkludi regolamenti magħmulin, u regoli u linji gwida maħruġin taħtu sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra;

Att Nru XXXI tal-2018.

"l-Att MDIA" tfisser l-Att tal-2018 dwar l-Awtorità dwar l-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta u tinkludi regolamenti magħmulin, u regoli u linji gwida maħruġin taħtu sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra;

VERŻJONI ELETTRONIKA

"awditur" tfisser awditur ta' sistemi ta' arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva u *smart contracts* li għandhom x'jaqsmu magħhom rikonoxxuti taħt dan l-Att;

"awditur ta' sistemi" tfisser persuna li, abbażi ta' ingaġġ bil-miktub taċċetta li tirrevedi u, jew tivverifika arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva u *smart contracts* jew partijiet minnhom li mhux neċessarjament tkun *accountant* jew awditur b'ċertifikat biex wieħed jipprattika taħt l-Att dwar il-Professjoni tal-*Accountancy*; Kap. 281.

"Awtorità" tfisser l-Awtorità dwar l-Innovazzjoni Diġitali ta' Malta stabbilita bl-Att MIDA u kull referenza għall-Awtorità għandha, sakemm ir-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort'oħra, tinftiehem bħala li tinkludi kull persuna awtorizzata mill-Awtorità biex taġixxi f'isimha;

"awtoritajiet kompetenti nazzjonali" tfisser awtoritajiet, dipartimenti, aġenziji jew diviżjonijiet tal-Gvern jew entitajiet governattivi li jwettqu funzjonijiet ta' superviżjoni, regolatorji jew ta' verifika fuq persuni li japplikaw għal kwalunkwe forma ta' għarfien taħt liġi applikabbli kif huma elenkati fl-Ewwel Skeda li tinsab mal-Att MDIA;

"Ministru" tfisser il-Ministru għall-Ekonomija Diġitali;

"servizz ta' teknoloġija innovattiva" tfisser servizz elenkat fit-Tieni Skeda, u "provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva" għandha tinftiehem skont hekk.

TAQSIMA II

Prinċipji ta' Għarfien

Kamp ta' applikazzjoni tal-Att.

3. (1) L-Awtorità għandha tamministra d-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att skont il-prinċipji ta' gwida u konformement mal-objettivi regolatorji stabbiliti bl-Att MDIA. Id-dispożizzjonijiet kollha tal-Att MDIA għandhom japplikaw fir-rigward ta' persuni li huma rikonoxxuti taħt dan l-Att, inkluż mingħajr limitazzjonijiet safejn jirrigwarda s-setgħat vestiti fl-Awtorità li għandhom x'jaqsmu ma' għarfien u awtorizzazzjonijiet jew iċ-ċaħda tagħhom, investigazzjoni, u infurzar kif ukoll fir-rigward ta' azzjonijiet regolatorji li jistgħu jittieħdu.

(2) Dan l-Att jipprovdi għal diversi metodi ta' għarfien li l-Awtorità tista' testendi għal tipi varji ta' arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva u servizzi ta' teknoloġija innovattiva kif hemm referenza għalihom fl-Iskedi u dan skont id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(3) Sakemm ma jkollux il-funzjonijiet u, jew il-karatteristiċi msemmija fl-Iskeda, għandu jkun preżunt li t-tip jew klassi ta' arranġament jew servizz ta' teknoloġija innovattiva ma jkunx eliġibbli għal għarfien mill-Awtorità taħt dan l-Att.

(4) Fil-każ li jkun hemm dubju raġonevoli dwar jekk -

(a) arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew servizz ta' teknoloġija innovattiva għandux il-funzjonijiet u, jew il-karatteristiċi msemmija jew jekk jaqax taħt it-tip jew klassi ta' arranġamenti jew servizzi msemmija fl-Iskedi; jew

(b) arranġament huwiex suffiċjentement simili fil-kamp ta' applikazzjoni u funzjonalità għal arranġament ta' teknoloġija innovattiva kif imfisser f'dan l-Att; jew

(ċ) l-arranġament jinkudi, iżda mhuwiex magħmul biss minn, arranġament ta' teknoloġija innovattiva,

l-Awtorità tista', fuq applikazzjoni bil-miktub għal deċiżjoni fir-rigward ta' xi arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew xi servizz ta' teknoloġija innovattiva partikolari, toħroġ deċiżjoni li tikkonferma jew tiċħad l-applikazzjoni, f'parti minnha jew għal kollox.

Fil-każ ta' konferma, l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew is-servizz ta' teknoloġija innovattiva rilevanti għandu b'hekk jitqies li għandu l-funzjonijiet u, jew il-karatteristiċi msemmija jew li hu tat-tip jew klassi ta' arranġamenti jew servizzi elenkati fl-Iskedi u l-applikant jista' jipproċedi b'applikazzjoni għal għarfien taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att.

(5) Id-deċiżjoni mill-Awtorità li tiċħad applikazzjoni taħt dan l-artikolu għandha tkun soġġetta għal reviżjoni jew appell mit-Tribunal taħt id-dispożizzjonijiet tal-Att MDIA u fil-każ ta' determinazzjoni negattiva tal-appell, l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew is-servizz ta' teknoloġija innovattiva partikolari ma jkunx eliġibbli għal għarfien sakemm tali arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew servizz ta' teknoloġija innovattiva partikolari ma jiġix modifikat sabiex jinkwadra fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Iskedi jew sa dak iż-żmien li l-Iskedi jiġu emendati biex jinkludu tali tip jew klassi.

Ebda eżenzjoni minn liġijiet oħra.

4. Sakemm ma jkunx espressament dikjarat f'dispożizzjoni ta' dan l-Att jew f'xi liġi speċjali oħra, xejn f'dan l-Att ma għandu jitqies bħala li jeżenta xi provditur ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew ta' xi servizz ta' teknoloġija innovattiva mid-dispożizzjonijiet ta' xi liġi oħra, inklużi liġijiet regolatorji li jeħtieġu awtorizzazzjonijiet jew approvazzjonijiet simili:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Iżda, abbażi tal-prinċipji ta' simplifikazzjoni u l-evitar tad-duplikazzjoni, fil-każ li ħtieġa taħt dan l-Att hi simili fil-kamp ta' applikazzjoni għal dik taħt xi liġi oħra u ġiet sodisfaċentement osservata mill-applikant, l-Awtorità għandha, jekk ikun neċessarju bil-kunsens bil-miktub tal-applikant, tikkordina mal-awtoritajiet kompetenti nazzjonali l-oħra u toqgħod fuq is-sottomissjonijiet u proċessi li qed jiġu mwettqa mill-awtoritajiet l-oħra fit-twettiq tad-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att.

Applikazzjonijiet.

5. (1) Kull persuna li tixtieq tikseb għarfien għal xi arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew xi servizz ta' teknoloġija innovattiva kif imsemmi fl-Iskedi tista' tapplika għand l-Awtorità billi tagħmel użu mill-formuli preskritti rilevanti maħruġin mill-Awtorità għal dak il-għan jew, fl-assenza ta' formula preskritta, b'applikazzjoni bil-miktub li tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa mill-Awtorità għal dak il-għan b'referenza għas-suġġett tal-applikazzjoni.

(2) Applikant għandu jipprovdi l-informazzjoni, id-dokumentazzjoni u l-assikurazzjonijiet kollha li jistgħu jkunu meħtieġa mill-Awtorità biex l-Awtorità tkun tista' tikkunsidra kull applikazzjoni u tiddetermina l-adattabilità tal-applikant biex jiġi rikonoxxut, skont l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew is-servizz ta' teknoloġija innovattiva li hu s-suġġett tal-applikazzjoni.

(3) Ladarba jiġi rikonoxxut, l-applikant, jew jekk differenti, il-persuna li lilha nħareġ l-għarfien, ikunu marbuta li jissodisfaw il-kondizzjonijiet kollha preskritti b'dan l-Att u bl-Att MDIA, ir-regolamenti kif ukoll xi regoli jew strumenti regolatorji oħra fis-seħħ għaż-żmien kollu li l-għarfien jibqa' fis-seħħ.

Reġistru ta' għarfien.

6. (1) L-Awtorità għandha żżomm reġistru, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistru", tal-għarfien kollu maħruġ jew miksub taħt dan l-Att u dan skont l-artikolu 27(5) tal-Att MDIA.

(2) Ir-Reġistru jkun maqsum f'tali taqsimiet, u kull taqsima b'dawk il-klassijiet, kif l-Awtorità tiddetermina minn żmien għal żmien, sabiex ikunu rappreżentati t-tipi differenti ta' għarfien mogħti lill-applikanti.

(3) Ir-Reġistru għandu jipprovdi d-dettalji kollha kif l-Awtorità tikkonsidra neċessarji għall-identifikazzjoni tal-applikant rilevanti u l-attivitajiet li qed jiġu mwettqa.

(4) Ir-Reġistru jkun disponibbli għall-pubbliku fuq is-sit tal-web tal-Awtorità.

VERŻJONI ELETTRONIKA

TAQSIMA III

Ċertifikazzjoni ta' Arranġamenti ta' Teknoloġija Innovattiva

Prinċipji li għandhom x'jaqsmu ma' ċertifikazzjoni.

7. (1) L-Awtorità tista' tiċċertifika arranġamenti differenti ta' teknoloġija innovattiva għal għan speċifikat, wieħed jew aktar, fir-rigward ta' -

(a) kwalità;

(b) karatteristika;

(ċ) attribut;

(d) imġiba; jew

(e) aspett,

speċifikat, wieħed jew aktar, kif jista' jiġi determinat mill-Awtorità, li għandu jiġi dikjarat fiċ-ċertifikazzjoni.

(2) Il-ħruġ ta' ċertifikat għal għan wieħed, kwalità u karatteristika waħda, attribut wieħed u mġiba waħda jew xi aspett ieħor la ma għandu jopera bħala ċertifikazzjoni għal għanijiet, kwalitajiet u karatteristiċi, attributi u mġiba jew aspetti differenti u lanqas ma jkun ta' xkiel għall-ħruġ ta' ċertifikazzjonijiet oħra għal għanijiet, kwalitajiet u karatteristiċi, attributi u mġiba jew aspetti oħra.

(3) L-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi linji gwida dwar l-għanijiet, il-kwalitajiet u l-karatteristiċi, l-attributi u l-imġiba jew aspetti li għalihom toħroġ, jew ma toħroġx, ċertifikazzjonijiet u meta tkun qed tagħmel dan għandha tistabbilixxi wkoll il-bażi għal ċertifikazzjonijiet u ċaħda partikolari.

Għandha wkoll tistabbilixxi linji gwida fuq materji oħra bħalma huma l-proċessi ta' reviżjoni u ż-żminijiet meta jsiru tali reviżjonijiet sabiex iżżomm fis-seħħ iċ-ċertifikazzjonijiet li tista' toħroġ.

(4) L-Awtorità tista' tagħżel, u tagħmel pubblika dik l-għażla, standards ta' ċertifikazzjoni internazzjonali jew oħra li tista' tafda fuqhom meta toħroġ iċ-ċertifikazzjonijiet tagħha taħt dan l-Att.

(5) L-Awtorità tista' temenda l-linji gwida fuq imsemmija minn żmien għal żmien inkluż sabiex ittejjeb l-istandards kwalitattivi tar-reviżjonijiet tagħha iżda tali emendi m'għandhomx, ħlief bil-kunsens ta' xi applikant b'applikazzjoni pendenti jew tad-detentur ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

ċertifikazzjoni, jiġu fis-seħħ qabel ma jgħaddu għall-inqas sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni ta' dawk l-emendi u, fi kwalunkwe każ, ikunu japplikaw biss mir-reviżjoni li jkun imiss taħt il-linji gwida rilevanti minnufih wara li jiskadu l-imsemmija sitt (6) xhur.

(6) Ladarba jiġi ċċertifikat arranġament ta' teknoloġija innovattiva għandu jingħata Ċertifikat taħt dan l-Att li jiddikjara d-dettalji dwar kif l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jiġi identifikat, inklużi kull ċavetta pubblika jew isem tad-ditta, u ċ-Ċertifikat għandu jingħata numru uniku għall-finijiet ta' identifikazzjoni.

(7) L-arranġament ta' teknoloġija innovattiva ċċertifikat għandu jqiegħed iċ-Ċertifikat dwar l-arranġament f'post speċifiku li għandu jiġi notifikat lill-Awtorità, f'format aċċessibbli faċilment u leġibbli sabiex ikun jista' jiġi spezzjonat u mifhum mill-utenti kollha tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva.

(8) Meta Ċertifikat jinħareġ favur arranġament ta' teknoloġija innovattiva għandu jkun preżunt li jirreferi għall-partijiet kollha tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva li huma deskritti bħala li jikkostitwixxu l-arranġament fl-applikazzjoni sakemm ma jkunx espressament dikjarat xort'oħra, f'liema każ għandu jirreferi biss għall-partijiet speċifiċi msemmijin bħala s-suġġett taċ-ċertifikazzjoni.

Ċertifikazzjoni ta' arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva.

8. (1) Kull arranġament ta' teknoloġija innovattiva msemmi fl-Ewwel Skeda, jew li fir-rigward tiegħu l-Awtorità tkun ħarġet deċiżjoni bil-miktub dwar l-eliġibilità taħt l-artikolu 3, jista' fi kwalunkwe żmien ikun is-suġġett ta' applikazzjoni lill-Awtorità għal ċertifikazzjoni.

(2) L-Awtorità tista' tiċċertifika arranġament ta' teknoloġija innovattiva meta tkun sodisfatta li l-ħtiġiet ġenerali u speċifiċi ta' dan l-artikolu jkunu ġew sodisfatti.

(3) Il-ħtiġiet ġenerali huma maħsuba biex jilħqu l-istandards ta' legalità, integrità, trasparenza, konformità u kontabilità stabbiliti għal arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva mill-Awtorità li jirriflettu l-prinċipji tal-Att MDIA u ta' dan l-Att, u konferma li ma tinħoloq l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 29 tal-Att MDIA, u għandhom jiġu valutati mill-Awtorità fuq il-bażi tar-reviżjonijiet tagħha stess tal-persuni kollha involuti, id-dokumentazzjoni kollha disponibbli u s-*software* li għandha aċċess għalih bħalma jista' jkollu kull utent tiegħu.

(4) Il-ħtiġiet speċifiċi għandhom jistabbilixxu għas-sodisfazzjon tal-Awtorità li:

VERŻJONI ELETTRONIKA

(a) l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva huwa idoneu u xieraq għall-għanijiet li għalihom iddikjara fl-applikazzjoni li ġie stabbilit u għandu l-kwalitajiet, attributi, karatteristiċi, imġiba u aspetti hemm dikjarati wkoll; u meta jkun jappartjeni lil jew ikun ikkontrollat minn organizzazzjoni ġuridika:

(i) li kull amministratur ta' tali organizzazzjoni, jekk ikun hemm, huwa persuna idonea u xierqa biex twettaq il-funzjonijiet tagħha bħala amministratur; u

(ii) jekk hemm azzjonisti f'xi organizzazzjoni ġuridika li hi s-sid ta' jew tikkontrolla l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva, li kull azzjonist li għandu iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-azzjonijiet jew interessi ta' sjieda fl-imsemmija organizzazzjoni ġuridika jew li, permezz tad-dispożizzjonijiet tal-istatut, għandu drittijiet speċjali ta' vot jew drittijiet oħra li jippermettu li jeżerċita kontroll effettiv fuq l-attivitajiet tal-organizzazzjoni ġuridika, (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "azzjonist kwalifikanti") ikun persuna idonea u xierqa,

b'dan ta' hawn qabel bla ħsara għad-dispożizzjonijiet iktar dettaljati tar-Raba' Skeda u kwalunkwe regola jew linja gwida maħruġa konformement magħha jew fir-rigward tagħha;

(b) is-*software* li jikkomprendi l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva, jew tali partijiet minnu li huma msemmija f'regoli applikabbli jew xort'oħra bil-miktub mill-Awtorità, ġie rivedut minn awditur reġistrat ta' sistemi, jew awdituri reġistrati ta' sistemi, li huma indipendenti mill-persuni kollha li huma s-sidien ta', jamministraw, joperaw jew huma mod ieħor involuti fl-arranġament ta' teknoloġija innovattiva, u l-Awtorità ngħatat assikurazzjoni pożittiva mill-awditur ta' sistemi, jew jekk iktar minn wieħed, minn kull awditur ta' sistemi, fir-rigward tal-kwistjoni tal-verifika u reviżjoni li għalihom ikun ġie ingaġġat.

L-awditur ta' sistemi għandu jikkonferma li l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jilħaq l-istandards raġonevoli fir-rigward ta' -

(i) l-għanijiet, il-kwalitajiet, il-karatteristiċi, l-attributi, l-imġiba jew l-aspetti speċifiċi tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(ii) kull awtorizzazzjoni jew setgħa mogħtija -

(A) lill-Awtorità jew lil xi awtorità kompetenti nazzjonali oħra, jekk ikun hemm; jew

(B) lill-amministratur tekniku; jew

(Ċ) lill-arranġament ta' teknoloġija innovattiva stess,

jeżistu kif dikjarat u joperaw kif maħsub; u

(iii) konformità ma' xi regoli u regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u xi linji gwida maħruġa mill-Awtorità applikabbli għat-tip partikolari ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva kif ukoll ma' kull kondizzjoni stabbilita mill-Awtorità fil-każ partikolari.

L-Awtorità tista' fid-diskrezzjoni tagħha, kumulattivament jew alternattivament, teħtieġ livell għoli ta' reviżjoni jew verifika tal-karatteristiċi tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva meta, fl-opinjoni tal-Awtorità, l-għanijiet, l-imġiba jew l-aspetti speċifiċi tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva:

(i) jeħtieġ li jiġu kkunsidrati b'mod ħolistiku minħabba fil-komplessità tiegħu; jew

(ii) mhumiex suxxettibbli għal raġunijiet aċċettabbli għall-Awtorità, għar-reviżjoni u assikurazzjoni msemmija hawn qabel,

u f'każijiet bħal dawn il-livell ta' reviżjoni jew verifika u l-assikurazzjonijiet relattivi għandhom jiġu espressament dikjarati fiċ-ċertifikazzjoni u riflessi b'mod prominenti fuq is-sit tal-web tal-applikant, jekk ikun hemm, fl-arranġament ta' teknoloġija innovattiva u fir-Reġistru tal-Awtorità;

(ċ) l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva għandu amministratur tekniku reġistrat fil-kariga l-ħin kollu, u li hu kapaċi juri lill-Awtorità l-kapaċità tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva li jissodisfa -

(i) il-prerekwiżiti kollha għaċ-ċertifikazzjoni li tista' tiġi mogħtija lilu taħt dan l-Att;

(ii) jilħaq standards fuq bażi kontinwa u li jindirizza kwistjonijiet kritiċi, u kif għandhom jiġu

VERŻJONI ELETTRONIKA

indirizzati, kif huma msemmija fil-linji gwida, jekk ikun hemm, mill-Awtorità fil-każ li dawn iseħħu;

(iii) il-kapaċità tiegħu li jvarja parametri jew funzjonalitajiet fejn l-objettiv tas-sistema hu li jiġu indirizzati ħtiġiet legali mandatorji li jistgħu raġonevolment jitbassru li jinbidlu tul iż-żmien; u

(iv) għal dak li jirrigwarda materji, jekk ikun hemm, li fuqhom -

(A) l-amministratur tekniku;

(B) l-Awtorità jew awtoritajiet kompetenti nazzjonali oħra; jew

(Ċ) xi persuna oħra msemmija,

jistgħu jingħataw id-diskrezzjoni jew jistgħu jkunu meħtieġa li jintervjenu u li huma indirizzati mis-*software*, l-awtorizzazzjonijiet jew setgħat kollha meħtieġa biex jitwettqu dawk l-interventi jeżistu u joperaw kif maħsuba;

(d) l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva hu f'pożizzjoni li -

(i) ikun konformi ma' u josserva kull regola u regolament dwar awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva applikabbli għalih, kull linja gwida maħruġa mill-Awtorità kif ukoll kull kondizzjoni stabbilita mill-Awtorità fil-każ partikolari; u

(ii) iwettaq kull obbligu impost fuqu b'liġi applikabbli, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-protezzjoni ta' *data* personali, ir-rispett tad-drittijiet ta' konsumaturi u liġijiet oħra mandatorji; u

(iii) għandu karatteristiċi ta' teknoloġija fih stess, sabiex l-amministratur tekniku jkun jista' jintervjeni b'mod trasparenti u effettiv fil-każ li jkun hemm -

(A) kawża materjali ta' telf għal xi utent; jew

(B) ksur materjali tal-liġi,

sabiex jiġi żgurat li l-kawża ta' telf jew il-ksur tal-liġi

VERŻJONI ELETTRONIKA

jiġu indirizzati b'mod sodisfaċenti skont l-aħjar kapaċitajiet tiegħu u biex jiġi żgurat li ma tiġrix jew ma terġax tiġri, u fil-każ ta' nuqqas mhux ġustifikabbli min-naħa tal-amministratur tekniku, bl-intervent tal-Awtorità;

(e) l-għanijiet, kwalitajiet, karatteristiċi, attributi, limitazzjonijiet, kondizzjonijiet, pattijiet dwar is-servizz, u mġiba jew aspetti speċifiċi tal-arranġamenti rilevanti ta' teknoloġija innovattiva li abbażi tagħhom utent hu mistieden jipparteċipa fi, joqgħod fuq jew juża l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva huma mniżżlin bl-ilsien Ingliż f'format li hu faċilment aċċessibbli u intelliġibbli. Dwar il-materji li huma mniżżlin, fil-każ ta' konflitt bejn l-ilsien Ingliż u l-kodiċi sottostanti tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva, għandu jipprevali l-ilsien Ingliż. Fejn l-applikant jixtieq juża ilsna multipli għal dan il-għan, fil-każ ta' konflitt bejn l-ilsna, għandu jipprevali l-ilsien Ingliż.

(5) Fil-każ ta' -

(a) DLTs jew arranġamenti oħra ta' teknoloġija innovattiva li jkunu qed joperaw, jew ikunu fi stadju ta' żvilupp avvanzat ħafna, fid-data tal-bidu fis seħħ ta' dan l-Att; u

(b) DLTs miftuħa, pubbliċi u li m'għandhomx permessi, u arranġamenti oħra simili ta' teknoloġija innovattiva,

fejn il-konformità ma' xi waħda mill-ħtiġiet imsemmija f'dan l-artikolu mhijiex prattikabbli fi żminijiet qosra minħabba fi sfidi tekniċi kif jiġi konfermat mill-awditur ta' sistemi reġistrat taħt dan l-Att, jekk l-Awtorità tikkonsidra li ċ-ċirkostanzi tal-każ huma xierqa, l-Awtorità tista' abbażi tar-rakkomandazzjoni tal-imsemmi awditur ta' sistemi u bi qbil mal-applikant tidentifika -

(a) il-kwistjonijiet li dwarhom m'kemmx konformità mal-ħtiġiet legali msemmija f'dan l-artikolu;

(b) il-materji li għandhom jiġu megħluba sabiex dawk il-kwistjonijiet jiġu indirizzati;

(ċ) il-mod li bih dawk il-kwistjonijiet għandhom jiġu indirizzati sabiex jissodisfaw lill-Awtorità dwar konformità ma' dan l-artikolu; u

(d) il-perjodu ta' żmien li matulu l-kwistjonijiet ser jiġu indirizzati,

VERŻJONI ELETTRONIKA

u tipproċedi biex toħroġ ċertifikazzjoni tal-imsemmi arranġament ta' teknoloġija innovattiva bil-kondizzjoni ta' konformità f'perjodi ta' żmien maqbula mal-applikant u bla ħsara għall-kondizzjoni addizzjonali li awditur ta' sistemi li ġie reġistrat taħt dan l-Att u li jkollu tali għarfien fil-ħinijiet kollha rilevanti joħroġ assikurazzjoni pożittiva li l-azzjonijiet u modifiki neċessarji għall-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jkunu saru sabiex jinkisbu l-eżiti li hemm qbil dwarhom u konformità ma' dan l-artikolu.

Il-kondizzjoni għandha tiġi reġistrata fiċ-ċertifikazzjoni.

(6) Meta l-Awtorità tipproċedi biex tiċċertifika l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva taħt dan l-Att hi għandha tniżżel ismu fir-Reġistru ta' arranġamenti rikonoxxuti ta' teknoloġija innovattiva, taħt dik il-kategorija kif tista' tiddetermina.

(7) Il-provdituri ta' servizzi ta' teknoloġija innovattiva hawn qabel imsemmija għandhom jiġu maħtura minn xi persuna li tkun applikant, żviluppatur jew sid tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew fil-każ fejn l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva jinżamm f'organizzazzjoni ġuridika, mir-rappreżentant legali tal-organizzazzjoni.

(8) Meta arranġament ta' teknoloġija innovattiva jinżamm f'organizzazzjoni ġuridika, kemm jekk ikollha personalità ġuridika kemm jekk le, iċ-ċertifikazzjoni għandha ssir f'isem l-organizzazzjoni ġuridika u fejn ma tikkwalifikax bħala organizzazzjoni ġuridika, iċ-Ċertifikat għandu jsir għall-applikant, jekk hekk mitlub, kif ukoll għall-amministratur tekniku, li jkun ġie reġistrat taħt dan l-Att u li jżomm fis-seħħ dak l-għarfien fiż-żmien kollu rilevanti, li jkun ġie ingaġġat fir-rigward tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva.

TAQSIMA IV

Reġistrazzjoni ta' Provdituri ta' Servizz

Prinċipji li għandhom x'jaqsmu ma' reġistrazzjoni.

9. (1) L-Awtorità tista' taċċetta li tirreġistra persuni li jipprovdu servizzi differenti ta' teknoloġija innovattiva kif ikun dikjarat fir-reġistrazzjoni. Ir-reġistrazzjoni għall-għoti ta' tip wieħed ta' servizz ma twaqqafx ir-reġistrazzjoni tal-istess persuna li tipprovdi tipi oħra ta' servizzi.

(2) L-Awtorità għandha minn żmien għal żmien tistabbilixxi linji gwida dwar l-għanijiet li għalihom tirreġistra provdituri ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva u waqt li tagħmel dan għandha wkoll tistabbilixxi l-ħtiġiet għal reġistrazzjonijiet partikolari. Għandha wkoll tistabbilixxi aspetti oħra bħalma huma l-proċessi ta'

VERŻJONI ELETTRONIKA

reviżjoni u ż-żminijiet meta għandhom isiru tali reviżjonijiet sabiex jinżammu fis-seħħ reġistrazzjonijiet li tista' taċċetta.

(3) L-Awtorità tista' tagħżel, u tagħmel pubblika dik l-għażla, standards ta' servizz internazzjonali jew oħra li tista' tafda fuqhom meta tikkonsidra reġistrazzjoni ta' provdituri ta' servizzi taħt dan l-Att.

(4) L-Awtorità tista' temenda l-linji gwida fuq imsemmija minn żmien għal żmien inkluż sabiex ittejjeb l-aspetti kwalitattivi jew l-għanijiet tar-reviżjonijiet tagħha iżda tali emendi m'għandhomx jiġu fis-seħħ qabel ma jgħaddu għall-inqas sitt (6) xhur mill-pubblikazzjoni ta' dawk l-emendi u, fi kwalunkwe każ, ikunu japplikaw biss mir-reviżjoni li jkun imiss taħt il-linji gwida rilevanti minnufih wara li jiskadu l-imsemmija sitt (6) xhur.

(5) Ladarba jkun ġie reġistrat, provditur ta' servizz għandu jingħata Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni li jiddikjara ismu u l-indirizz tiegħu u jkollu numru uniku għall-għanijiet ta' identifikazzjoni u għandu jelenka l-klassi jew klassijiet ta' servizzi li l-applikant ġie reġistrat biex jipprovdi.

(6) Il-provditur reġistrat ta' servizz għandu jqiegħed iċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni fuq is-sit tal-web tiegħu, jekk ikollu, kif ukoll fuq kull arranġament ta' teknoloġija innovattiva li lilu jagħti s-servizzi tiegħu u dan għandu jitqiegħed fuqu f'format faċilment aċċessibbli u leġibbli sabiex ikun jista' jinqara u jinftiehem mill-utenti kollha tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva.

Servizz ta' teknoloġija innovattiva.

(7) Ir-reġistrazzjoni ta' provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva tista' ssir fir-rigward ta' persuni, li jkunu individwi jew organizzazzjonijiet ġuridiċi, kemm jekk ikollhom personalità ġuridika jew le, u tista' ssir -

(a) personalment;

(b) permezz tar-riżorsi tal-organizzazzjoni;

(ċ) permezz ta' delegati approvati mill-Awtorità;

(d) permezz ta' sistemi ta' teknoloġija:

Iżda fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi (b) u (ċ), minbarra l-isem tal-provditur reġistrat tas-servizzi ta' teknoloġija innovattiva approvat mill-Awtorità, l-individwu li jkun approvat biex jipprovdi s-servizzi jkun imsemmi fiċ-ċertifikati ta' reġistrazzjoni u ċertifikati relatati.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Servizzi ta' teknoloġija.

10. (1) Kull provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva li hu msemmi fit-Tieni Skeda, jew li fir-rigward tiegħu l-Awtorità tkun ħarġet deċiżjoni bil-miktub dwar eliġibilità taħt l-artikolu 3, jista' fi kwalunkwe żmien japplika għand l-Awtorità biex jiġi reġistrat taħt dan l-Att.

(2) L-Awtorità tista' tirreġistra kull provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva meta tkun sodisfatta li l-provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva:

(a) hu idoneu u xieraq biex jipprovdi s-servizzi li jiddikjara li qed jipprovdi jew li biħsiebu jipprovdi u, meta jkun organizzat bħala organizzazzjoni ġuridika, kull azzjonist li jkollu iktar minn ħamsa u għoxrin fil-mija (25%) tal-azzjonijiet li għandhom vot ikun persuna idonea u xierqa u kull amministratur ta' tali organizzazzjoni ġuridika jkun persuna idonea u xierqa biex twettaq dawk l-attivitajiet jew funzjonijiet jew ir-rwol li dik il-persuna jkollha fir-rigward tal-organizzazzjoni ġuridika;

(b) għandu l-kwalifiki u, jew l-esperjenza li l-Awtorità teħtieġ għal reġistrazzjoni bħala provditur ta' servizzi fil-klassi partikolari li dwarha saret l-applikazzjoni;

(ċ) għandu riżorsi tekniċi suffiċjenti jew appoġġ minn parti terza, personalment, permezz ta' delegati jew permezz ta' sistemi awtomattizzati, u hu f'pożizzjoni biex ikun konformi ma' u josserva r-regoli u regolamenti dwar awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva applikabbli għalih, kull linja gwida maħruġa mill-Awtorità kif ukoll kull kondizzjoni stabbilita mill-Awtorità fil-każ partikolari.

(3) L-Awtorità m'għandhiex tirreġistra provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva jekk jinħolqu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-artikolu 29 tal-Att MDIA.

(4) Meta l-Awtorità tipproċedi biex tirreġistra l-provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva taħt dan l-Att, għandha ddaħħal ismu fir-Reġistru ta' provdituri rikonoxxuti ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva, taħt dik il-kategorija li tista' tiddetermina.

(5) Meta provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva ġie kostitwit bħal organizzazzjoni ġuridika, kemm jekk b'personalità ġuridika kemm jekk le, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem l-organizzazzjoni ġuridika u fejn is-servizz jingħata personalment minn tali provditur ta' servizz, ir-reġistrazzjoni għandha ssir f'isem il-provditur innifsu.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(6) Provdituri ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva reġistrati taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom jitqiesu li huma professjonisti li jaġixxu bħala fiduċjarji fir-rigward ta' informazzjoni sottomessa lilhom minn xi klijenti u jkunu wkoll marbutin bid-dispożizzjonijiet tal-Att dwar is-Segretezza Professjonali u għandhom jaġixxu skont hekk. Kap. 377.

Prinċipji ta' gwida dwar l-imġiba ta' provdituri ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva.

11. (1) Kull provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva u kull persuna li tista' tiġi msemmija biex twettaq xi rwol f'xi arranġament ta' teknoloġija innovattiva, ukoll jekk ma tkunx rikonoxxuta taħt dan l-Att, għandha tirrispetta l-prinċipji li ġejjin dwar l-aħjar prattika fir-rigward tal-attivitajiet tagħha.

(2) Fit-twettiq tal-operazzjonijiet tagħha, hi għandha:

(a) tmexxi n-negozju tagħha b'onestà u integrità;

(b) tieħu f'konsiderazzjoni dovuta d-drittijiet, interessi u ħtiġiet ta' kull wieħed mill-klijenti tagħha u għandha tikkomunika magħhom b'mod li jkun ġust, ċar u mhux qarrieqi;

(ċ) timmaniġġa u tikkontrolla n-negozju tagħha b'mod effettiv, u tmexxi n-negozju tagħha bil-ħila, kura u diliġenza dovuta; u

(d) ikollha arranġamenti fis-seħħ, permezz ta' riżorsi umani, inklużi delegati u kuntratturi terzi, riżorsi finanzjarji kif ukoll faċilitajiet ta' teknoloġija biex tkun tista' tosserva l-obbligi operattivi u ta' konformità tagħha.

TAQSIMA V

Dispożizzjonijiet Mixxellanji

Dmir dwar avviż ta' bidliet.

12. (1) Kull persuna li ġiet rikonoxxuta wara li tkun saret applikazzjoni taħt dan l-Att u li jkollha -

(a) Ċertifikat għal arranġament ta' teknoloġija innovattiva;

(b) Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni bħala provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva; jew

(ċ) xi forma oħra ta' għarfien li tinħareġ mill-Awtorità,

għandha tipprovdi lill-Awtorità dettalji dwar bidliet materjali fl-informazzjoni mogħtija lill-Awtorità fil-proċessi ta' applikazzjoni taħt dan l-Att fi żmien tletin (30) ġurnata mis-seħħ ta' tali bidliet.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu "bidliet materjali" fir-rigward ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva għandhom jinkludu:

(a) kull alterazzjoni ta' xi wieħed mis-*software* li dwaru ngħatat assikurazzjoni minn awditur ta' sistemi;

(b) kull żvilupp li jibdel id-drittijiet ta' utenti;

(ċ) kull żvilupp li jibdel id-drittijiet, l-awtorizzazzjoni u s-setgħat tal-amministratur tekniku jew tal-Awtorità; u

(d) kull bidla fl-amministratur tekniku.

Barra minn dan, b'mod ġenerali tiġi konsidrata li tinkludi:

(a) kull bidla f'amministratur ta' organizzazzjoni ġuridika rilevanti;

(b) kull bidla f'azzjonist kwalifikanti;

(ċ) kull bidla fil-persuna li b'referenza għaliha ġiet maħruġa ċertifikazzjoni jew ġie maħruġ Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni; u

(d) kull ħaġa oħra li tiġi dikjarata mill-Awtorità li hi materjali f'linji gwida li jinħarġu minn żmien għal żmien.

(2) Sa fejn jirrigwarda arranġament ta' teknoloġija innovattiva, id-detentur ta' Ċertifikat għandu jipprovdi wkoll lill-Awtorità dikjarazzjoni minn awditur reġistrat ta' sistemi u minn amministratur tekniku reġistrat li huma konxji tal-bidliet materjali li saru għall-informazzjoni li preċedentement ingħatat lill-Awtorità u li tali bidliet ma jaffettwawx il-kontenut tar-reviżjoni, assikurazzjonijiet jew dikjarazzjonijiet tagħhom mogħtija lill-Awtorità għall-finijiet taċ-ċertifikazzjoni tal-arranġament rilevanti ta' teknoloġija innovattiva jew, sa fejn il-bidliet jirriżultaw f'karatteristiċi addizzjonali li ma ġewx riveduti u ma jaqgħux fi ħdan il-parametri ta' assikurazzjonijiet u dikjarazzjonijiet eżistenti maħruġa minnhom kif meħtieġ bl-artikolu 8:

(a) l-awditur ta' sistemi wettaq ir-reviżjoni kif meħtieġ taħt l-imsemmi artikolu u jipprovdi l-assikurazzjonijiet rilevanti fir-rigward ta' dawk il-bidliet; u

(b) l-amministratur tekniku rreveda l-bidliet u jikkonferma l-kontinwazzjoni tal-validità tad-dikjarazzjoni tiegħu maħruġa għall-għan taċ-ċertifikazzjoni tal-arranġament

VERŻJONI ELETTRONIKA

ta' teknoloġija innovattiva.

(3) Sa fejn jirrigwarda Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni bħala provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva, id-detentur ta' Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni għandu wkoll jipprovdi lill-Awtorità l-informazzjoni kollha li tkun rilevanti sabiex l-Awtorità tkun tista' taġġorna ċ-Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni bl-informazzjoni ġdida wara li twettaq dawk il-proċessi li kienu jkunu applikabbli li kieku kienet applikazzjoni ġdida fir-rigward ta' informazzjoni ġdida.

Raġunijiet għal ċaħda ta' għarfien.

13. (1) L-Awtorità għandha taġixxi b'mod miftuħ u trasparenti meta tikkonsidra applikazzjonijiet u għandha tipprova tipprovdi informazzjoni dwar il-progress ta' applikazzjoni u, fil-każ ta' ċaħda, raġunijiet għal tali rifjut li tiġi aċċettata xi applikazzjoni taħt dan l-Att.

(2) In-nuqqas li tieħu deċiżjoni dwar applikazzjoni fi żmien tliet (3) xhur mill-applikazzjoni għandu jitqies bħala ċaħda u l-applikant għandu jgawdi mid-drittijiet ta' appell taħt l-Att MDIA minn dik id-data.

Tiġdid ta' ċertifikazzjonijiet u reġistrazzjonijiet.

14. (1) L-awtorizzazzjonijiet kollha taħt dan l-Att għandhom ikunu għall-perjodi ta' validità u effett kif imsemmi fit-Tielet Skeda u għandhom jitqiesu li jiskadu fl-ewwel ġurnata ta' xogħol wara l-anniversarju rilevanti tad-data tal-awtorizzazzjoni kif jidher fuq iċ-ċertifikat li jikkonferma l-awtorizzazzjoni.

(2) Ikun id-dmir ta' detentur ta' awtorizzazzjoni ta' teknoloġija innovattiva li jiżgura li l-awtorizzazzjoni tinżamm valida u effettiva u tiġi mġedda għall-inqas fi żmien l-aħħar tliet xhur tal-validità tagħha u fi kwalunkwe każ qabel ma tiskadi, billi:

(a) tiġi sottomessa l-informazzjoni dwar assikurazzjonijiet, dikjarazzjonijiet u materjali oħra jew billi jittieħdu tali azzjonijiet kif meħtieġa mill-Awtorità għat-tiġdid tal-awtorizzazzjonijiet rilevanti u b'mod partikolari li juru li l-applikant għadu f'konformità mal-Att u mal-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni;

(b) fil-każ ta' arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva, jitwettqu l-verifiki u r-reviżjonijiet u jinkisbu d-dikjarazzjonijiet neċessarji mill-awditur reġistrat u mill-amministratur tekniku reġistrat; u

(ċ) jitħallsu lill-Awtorità d-drittijiet rilevanti.

Ħatra ta' aġent residenti.

15. (1) Meta l-persuni li jagħmlu applikazzjoni għal xi forma ta' għarfien mhumiex ordinarjament residenti f'Malta, tali applikant

VERŻJONI ELETTRONIKA

hu meħtieġ li jaħtar bil-miktub qabel ir-reġistrazzjoni, aġent residenti li -

(a) hu abitwalment residenti f'Malta;

(b) mhuwiex interdett jew inabilitat jew fallut mhux riabilitat;

(ċ) ma ġiex misjub ħati ta' xi wieħed mir-reati li jaffettwaw il-fiduċja pubblika jew ta' serq jew frodi jew ħasil ta' flus jew li xjentement irċieva proprjetà miksuba b'serq jew bi frodi; u

(d) issodisfa lill-Awtorità li hu persuna kapaċi li twettaq il-funzjonijiet imsemmija taħt dan l-Att.

(2) Fil-każ ta' organizzazzjoni ġuridika, dik l-organizzazzjoni għandha titqies bħala li ma tkunx abitwalment residenti f'Malta għall-finijiet ta' dan l-artikolu jekk l-ebda wieħed mill-:

(a) membri tal-bord tal-amministraturi tagħha jew is-segretarju; u

(b) uffiċjali l-aktar anzjani tagħha, jiġifieri l-uffiċjal eżekuttiv ewlieni, l-uffiċjal ewlieni dwar l-operazzjoni jew l-uffiċjal ewlieni dwar it-teknoloġija tagħha,

huma residenti abitwalment f'Malta.

(3) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva għandu jiżgura li jkollu aġent residenti validament maħtur il-ħin kollu meta ma jkunx hemm persuna involuta fl-amministrazzjoni tad-detentur li hu residenti f'Malta:

Iżda:

(a) jekk kemm l-arranġament ta' teknoloġija innovattiva kif ukoll l-amministratur tekniku maħtur b'referenza għall-arranġament mhumiex residenti f'Malta, il-ħatra ta' aġent residenti għall-amministratur tekniku għandha tissodisfa l-ħtieġa taħt dan l-artikolu wkoll għall-arranġament ta' teknoloġija innovattiva għal kemm idum ingaġġat tali amministratur tekniku u l-ingaġġ ta' aġent residenti jkun magħmul mill-amministratur tekniku wkoll għall-arranġament ta' teknoloġija innovattiva meta jiġi awtorizzat jagħmel hekk; u

(b) meta arranġament ta' teknoloġija innovattiva hu magħmul minn bosta partijiet kostitwenti - DLT u *smart*

VERŻJONI ELETTRONIKA

contracts - li kull waħda minnhom tista' tikseb ċertifikazzjoni taħt dan l-Att, l-applikanti kollha jistgħu legalment isemmu l-parti kostitwenti prinċipali u wara dan il-partijiet anċillari kollha għandhom jitqiesu li jissodisfaw il-ħtiġiet ta' dan l-artikolu jekk l-ingaġġ tal-aġent residenti fir-rigward tal-parti kostitwenti prinċipali jsemmi l-partijiet anċillari kollha u jikkonferma li l-applikant hu awtorizzat jagħmel dan b'referenza għall-imsemmija partijiet anċillari.

(4) Avviżi dwar il-ħatra, ir-riżenja jew it-tneħħija tal-aġent residenti għandhom jiġu ppreżentati lill-Awtorità fil-formula preskritta, u sa meta tali formula tinħareġ permezz ta' notifika bil-miktub u fejn jingħata avviż tal-ħatra dan għandu jkollu miegħu l-aċċettazzjoni bil-miktub tal-aġent residenti dwar tali ħatra.

(5) L-Awtorità tista' f'kull żmien tiċħad jew ma tilqax kull avviż dwar ħatra li jidhrilha ma jkunx konformi ma' dan l-Att u f'dan il-każ l-applikant jew id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva, kif ikun il-każ, għandu minnufih jaħtar aġent resident ieħor.

Funzjonijiet ta' aġent residenti.

16. (1) Għandha tkun il-funzjoni ta' aġent residenti, f'isem id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva, li -

(a) jaġixxi bħala l-kanal ta' komunikazzjoni bejn id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva u l-Awtorità u dipartimenti u awtoritajiet governattivi Maltin oħra;

(b) jiffirma u jippreżenta lill-Awtorità u dipartimenti u awtoritajiet governattivi Maltin oħra d-dikjarazzjonijiet u formuli kollha meħtieġa skont il-liġi Maltija;

(ċ) jaġixxi bħala r-rappreżentant legali tad-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva fi proċeduri ġudizzjarji f'Malta, u kull avviż kemm mill-Awtorità jew minn xi awtorità oħra mibgħut lill-aġent residenti fl-aħħar indirizz reġistrat tiegħu għandu jitqies li jkun ġie debitament riċevut minn u notifikat lid-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva.

(2) L-aġent residenti ma jkunx personalment responsabbli għan-nuqqas ta' konformità min-naħa tad-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva ma' xi liġi, lanqas għal xi rappreżentazzjoni żbaljata magħmula f'sottomissjonijiet jew dikjarazzjonijiet maħruġa mill-applikant, ukoll jekk awtentikati mill-aġent residenti għall-finijiet tal-applikazzjoni jew xi liġi oħra, sakemm l-aġent residenti ma jkunx assuma dik ir-responsabbiltà

VERŻJONI ELETTRONIKA

għall-konformità personalment bil-miktub jew ikun hu stess għamel dikjarazzjoni falza xjentement jew bi traskuraġni.

(3) L-aġent residenti ma għandu lanqas ikun responsabbli għal xi spejjeż tal-qorti, legali jew relatati fil-każ ta' xi proċeduri ġudizzjarji mibdija kontra tiegħu fil-kapaċità tiegħu bħala rappreżentant legali tad-detentur ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew xi wieħed mill-uffiċjali tiegħu, ikun min ikun li ppreżenta l-każ.

Setgħat tal-aġent residenti.

17. (1) Mingħajr preġudizzju għas-setgħat espressi li jgawdi detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva fil-ħatra tiegħu, l-aġent residenti jkollu s-setgħa, f'isem id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva, li -

(a) jiffirma u jippreżenta applikazzjonijiet, dikjarazzjonijiet, avviżi, prospetti u kull dokument ieħor meħtieġ skont il-liġi Maltija;

(b) japplika għaċ-ċertifikazzjoni ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva jew għar-reġistrazzjoni ta' provditur ta' servizz ta' teknoloġija innovattiva taħt dan l-Att jew għar-revoka jew kanċellament ta' awtorizzazzjoni, u li jwettaq kull att anċillari fir-rigward tagħhom;

(ċ) iħallas id-drittijiet u taxxi relattivi kollha li għandhom jitħallsu skont il-liġi Maltija;

(d) jagħmel l-affarijiet kollha li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jwasslu jew huma anċillari għaċ-ċertifikazzjoni jew reġistrazzjoni jew xi forma oħra ta' għarfien taħt dan l-Att jew għaż-żamma ta' tali għarfien;

(e) jawtentika dokumenti maħruġa mid-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva; u

(f) jirċievi notifika formali f'isem id-detentur ta' awtorizzazzjoni ta' teknoloġija innovattiva meta huma meħtieġa notifiki taħt id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att jew xi liġi oħra jew xi ftehim:

Iżda fir-rigward ta' kull awtorizzazzjoni bil-miktub, ċertifikazzjoni jew ċertifikat ta' reġistrazzjoni, waqt li ma jkunx projbit li l-aġent residenti jieħu pussess u jżomm l-oriġinal għal salvagwardja, u għal emendi jew reviżjonijiet mill-Awtorità, l-awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva ma tistax tinħareġ f'isem l-aġent residenti, ukoll jekk hu jkun formalment awtorizzat għal dak il-għan.

VERŻJONI ELETTRONIKA

Għall-finijiet ta' dan l-artikolu l-frażi "detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva" għandha tkun preżunta li tinkludi wkoll applikant għal tali awtorizzazzjoni.

(2) L-aġent residenti għandu jitqies li jkollu s-setgħat kollha neċessarji biex jipprovdi garanziji vinkolanti lill-Awtorità dwar materji li għandhom x'jaqsmu mal-għarfien mill-Awtorità f'isem id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva u l-Awtorità hi awtorizzata taġixxi skont hekk; iżda xejn f'dan l-Att ma għandu jimplika xi setgħa ta' aġent residenti li jeżegwixxi xi dokument li għandu x'jaqsam ma' garanzija li tinvolvi responsabbiltà sakemm ma jkunx espressament awtorizzat bil-miktub li jagħmel dan.

(3) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva jista' jirrestrinġi xi waħda jew aktar mis-setgħat fuq imsemmija tal-aġent residenti:

Iżda fejn id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva jillimita tali setgħat hu għandu jippreżenta għand l-Awtorità dikjarazzjoni għal dak il-għan fil-forma preskritta u tali limitazzjoni ma jkollhiex effett fir-rigward ta' partijiet terzi sa meta tiġi hekk ippreżentata u reġistrata fir-Reġistru miżmum mill-Awtorità b'referenza għal awtorizzazzjonijiet għal teknoloġija innovattiva.

(4) Sakemm ma jkunx espressament projbit milli jagħmel hekk skont il-pattijiet tal-ħatra tiegħu, l-aġent residenti jista' jiddelega u jaħtar bil-miktub persuna oħra biex taġixxi fi kwistjonijiet speċifiċi f'ismu hekk iżda li meta jagħmel dan l-aġent residenti ma jkunx qed jirrinunzja għall-funzjonijiet, setgħat u responsabbiltajiet konferiti fuqu taħt din it-Taqsima.

(5) Il-pattijiet tal-ingaġġ u l-ħatra jew tneħħija jew riżenja ta' aġent residenti għandhom jiġu reġistrati fir-Reġistru miżmum mill-Awtorità b'referenza għal awtorizzazzjonijiet għal teknoloġija innovattiva.

Riżenja jew tneħħija ta' aġent residenti.

18. (1) Aġent residenti jista' jirriżenja billi jagħti avviż ta' mill-inqas ħmistax-il ġurnata (jew tali perjodu inqas kif id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva jew l-Awtorità jistgħu jagħtu l-kunsens tagħhom) bil-miktub lid-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva u lill-Awtorità.

(2) Id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva jista' jneħħi l-aġent residenti billi jagħti avviż ta' mill-inqas ħmistax-il ġurnata (jew tali perjodu inqas kif l-Awtorità tista' tagħti l-kunsens tagħha) bil-miktub lill-Awtorità.

(3) L-Awtorità jkollha s-setgħa li taħtar, għal perjodu limitat u

VERŻJONI ELETTRONIKA

temporanju, aġent residenti f'isem id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva fil-każ tan-nuqqas tad-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva li jaħtar tali aġent u tali aġent residenti għandu jara li jistabbilixxi kuntatt mal-persuni li għandhom dmirijiet fir-rigward tal-governanza tal-arranġament ta' teknoloġija innovattiva sabiex ikunu jistgħu jaħtru aġent residenti tal-għażla tagħhom:

Iżda f'kull każ bħal dan u f'każ ta' dak imsemmi fis-subartikolu (4), min jinħatar għandu jkun avukat b'*warrant* valida biex jipprattika f'Malta.

(4) Fejn id-detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva jonqos mill-obbligi tiegħu taħt dan l-Att, l-Awtorità tista', mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra li tista' tittieħed taħt dan l-Att, tirrikorri għand il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-ħatra ta' kuratur biex jaġixxi bħala aġent residenti sa dak iż-żmien li jiġi validament maħtur aġent residenti ieħor jew l-arranġament ma jibqax ikun ċertifikat.

Drittijiet.

19. Kull detentur ta' awtorizzazzjoni għal teknoloġija innovattiva għandu jħallas lill-Awtorità dawk id-drittijiet mal-ewwel applikazzjoni u ma' kull tiġdid wara dan kif jistgħu jkunu preskritti minn żmien għal żmien.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti.

20. (1) Il-Ministru jista', waqt li jaġixxi bil-parir tal-Awtorità, jagħmel regolamenti biex jagħti effett lid-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u biex jippreskrivi kull ħaġa li tista' tiġi preskritta skont dan l-Att u biex jipprovdi għal kull ħaġa konsegwenzjali, inċidentali jew konnessa magħhom.

(2) Mingħajr preġudizzji għall-ġeneralità ta' dak li ntqal qabel, il-Ministru jista', waqt li jaġixxi bil-parir tal-Awtorità, permezz ta' dawk ir-regolamenti:

(a) jirregola aktar ċertifikazzjonijiet ta' arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva;

(b) jirregola aktar reġistrazzjonijiet ta' provdituri ta' servizzi ta' teknoloġija innovattiva, inkuża dikjarazzjoni dwar liema indipendenza u kwalitajiet oħrajn, jekk ikun hemm, huma meħtieġa għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħhom u t-tifsira ta' dawk il-frażijiet;

(ċ) jippreskrivi l-formuli li għandhom x'jaqsmu ma' applikazzjonijiet u proċessi involuti fiċ-ċertifikazzjoni u r-reġistrazzjoni;

VERŻJONI ELETTRONIKA

(d) jippreskrivi d-drittijiet li jistgħu jkunu applikabbli għal applikazzjonijiet;

(e) idaħħal jew jemenda xi tifsiriet f'dan l-Att;

(f) jemenda, jissostitwixxi jew jirrevoka kull waħda mill-Iskedi;

(g) joħroġ regoli jew linji gwida fir-rigward tar-Reġistru ta' awtorizzazzjonijiet li jinżamm taħt dan l-Att;

(h) jiddefinixxi l-kriterji biex jiġi determinat jekk parteċipazzjoni tkunx parteċipazzjoni indiretta u, jew għall-finijiet li jiġi determinat jekk teżistix parteċipazzjoni kwalifikanti;

(i) jiddefinixxi l-kriterji biex jiġi determinat jekk is-sistemi u l-protokolli ta' sigurtà ta' aċċess ta' applikanti u detenturi ta' awtorizzazzjoni, kif ikun applikabbli, jilħqux jew humiex qed jinżammu skont l-istandards internazzjonali għoljin xierqa li jistgħu jiġu stabbiliti minn żmien għal żmien;

(j) jirregola aktar aġenti residenti u l-funzjonijiet u dmirijiet tagħhom u jippreskrivi kif dawk il-funzjonijiet għandhom jitwettqu waqt li jitqiesu l-funzjonijiet u dmirijiet ta' aġent ta' VFA taħt l-Att tal-2018 dwar Attiv Finanzjarju Virtwali, meta persuna tiġi maħtura taħt u għall-finijiet ta' dak l-Att;

Att Nru XXX tal-2018.

(k) jistabbilixxi regoli għan-notifika ta' kull attività f'Malta jew minn Malta magħmula minn jew li tirrigwarda arranġamenti jew servizzi ta' teknoloġija innovattiva meta tali arranġamenti jew servizzi huma soġġetti għal għarfien mill-Awtorità taħt l-Att MDIA jew taħt dan l-Att u ma jiġix mitlub għarfien mill-persuni rilevanti abbażi tad-deċiżjoni tagħhom li ma jitolbux dak l-għarfien jew abbażi tal-fatt li jkollhom awtorizzazzjoni f'pajjiż ieħor; u

(l) jistabbilixxi ċ-ċirkostanzi li fihom persuni involuti f'konnessjoni ma' detentur ta' awtorizzazzjoni, inklużi kull awditur ta' sistemi jew amministratur tekniku, huma obbligati li jikkomunikaw informazzjoni lill-Awtorità, jippreskrivi regolamenti li jirregolaw l-iżvelar ta' informazzjoni minn awdituri ta' sistemi jew amministraturi tekniċi u jistabbilixxi proċeduri superviżorji u dixxiplinarji għal awdituri ta' sistemi jew amministraturi tekniċi fir-rigward tad-dmirijiet tagħhom.

(3) Regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jistgħu jkunu

VERŻJONI ELETTRONIKA

soġġetti għal tali eżenzjonijiet jew kondizzjonijiet kif jista' jiġi speċifikat fihom, u jistgħu jipprovdu b'mod differenti għal każi, ċirkostanzi jew għanijiet differenti u jistgħu jagħtu lill-Awtorità dawk is-setgħat ta' adattament kif jista' wkoll jiġi speċifikat.

(4) Fejn ikunu saru regolamenti skont dan l-artikolu, l-Awtorità tista' toħroġ linji gwida għall-aħjar twettiq u l-aħjar implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L-EWWEL SKEDA
(Artikoli 2 u 8)

Arranġamenti ta' Teknoloġija Innovattiva

Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu li huma arranġamenti ta' teknoloġija innovattiva għall-finijiet ta' dan l-Att:

1. *software* u arkitetturi li huma użati fl-iddisinjar u l-konsenja ta' DLT li normalment, iżda mhux neċessarjament:

(a) juża reġistru distribwit, deċentralizzat, li jitqassam u, jew replikat;

(b) jista' jkun pubbliku jew privat jew ibridi tagħhom;

(ċ) hu permess jew mingħajr permess jew ibridi tagħhom;

(d) hu sigur fuq livell għoli kontra tbagħbis retrospettiv, hekk li r-rekord ta' transazzjonijiet ma jistax jiġi sostitwit;

(e) hu protett bil-kriptografija; u

(f) jista' jiġi verifikat;

2. *smart contracts* u applikazzjonijiet relatati, inklużi organizzazzjonijiet awtonomi deċentralizzati, kif ukoll arranġamenti simili oħra;

3. kull arranġament ieħor ta' teknoloġija innovattiva li jista' jiġi msemmi mill-Ministru, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità, f'avviż minn żmien għal żmien.

VERŻJONI ELETTRONIKA

IT-TIENI SKEDA
(Artikolu 2)

Servizzi ta’ Teknoloġija Innovattiva

Dawn li ġejjin għandhom jitqiesu li huma servizzi ta’ teknoloġija innovattiva għall-finijiet ta’ dan l-Att:

1. is-servizzi ta’ reviżjoni u verifika msemmija f’dan l-Att b’referenza għal arranġamenti ta’ teknoloġija innovattiva provduti minn awdituri ta’ sistemi;

2. is-servizzi ta’ amministrazzjoni teknika msemmija f’dan l-Att b’referenza għal arranġamenti ta’ teknoloġija innovattiva provduti minn amministraturi tekniċi.

IT-TIELET SKEDA
(Artikolu 13)

Żmien ta’ Validità ta’ Awtorizzazzjonijiet

Ċertifikazzjoni ta’ Arranġamenti ta’ Teknoloġija Innovattiva - 2 snin

Reġistrazzjoni ta’ Awdituri ta’ Sistemi - 2 snin

Reġistrazzjoni ta’ Amministraturi Tekniċi - 2 snin

IR-RABA’ SKEDA
(Artikolu 8)

Dispożizzjonijiet supplimentari għall-artikolu 8(4)(a)

1.0 Tifsir

1.0.1 Fejn arranġament ta’ teknoloġija innovattiva u attiv li għandu x’jaqsam miegħu jikkostitwixxu l-attiv prinċipali tal-organizzazzjoni ġuridika, l-Awtorità tista’ tikkonsidra persuni oħra li ma jkunux -

(a) fil-kariga ta’ "amministraturi" kif imfisser f’xi liġi speċjali li tapplika għall-forma rilevanti tal-organizzazzjoni ġuridika; jew

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) "azzjonisti" kif imfisser f'xi liġi speċjali li tapplika għal kumpaniji ta' responsabbiltà limitata jew soċjetajiet *en commandite*, li l-kapital tagħhom hu maqsum f'azzjonijiet,

bħala li jaqgħu fl-ambitu tat-termini għall-finijiet tal-artikolu 8(4)(a) u artikoli oħra f'dan l-Att, xi liġijiet speċjali oħra li l-Awtorità għandha s-setgħa li tamministra jew tinforza jew xi regoli jew linji gwida li jistgħu jirreferu għall-istess kunċett.

1.0.2 Fejn f'xi każ partikolari jew wara analisi ta' xi arranġament mhuwiex possibbli li kwalunkwe persuna tiġi identifikata bħala li taqa' fi ħdan xi waħda mill-kategoriji fuq imsemmija, allura l-Awtorità għandha tipproċedi fuq il-bażi li ma hemm l-ebda u tista' –

(a) tadatta l-kondizzjonijiet ta' għarfien għal dan il-kuntest; jew

(b) teħtieġ li ssir referenza għal xi persuna oħra li tista' tkun qiegħda tipprovdi servizzi operattivi materjali għall-arranġament jew li tista' tkun qiegħda tirċievi benefiċċju ekonomiku materjali mill-operazzjonijiet tal-arranġament.

1.0.3 It-testijiet f'din l-Iskeda japplikaw fuq bażi kontinwa mill-ewwel ġurnata tax-xogħol ta' Jannar u fl-ewwel ġurnata tax-xogħol f'Ġunju ta' kull sena kalendarja bla ħsara għall-applikazzjoni tagħhom f'kull żmien ieħor meta tintbagħat lill-Awtorità notifika speċifika ta' xi bidla rilevanti jew applikazzjoni li tirrigwarda bidliet fl-amministraturi jew fl-azzjonijiet.

1.0.4 Il-kalkolu tan-natura u tal-limitu tas-sjieda u kontroll imsemmija hawn aktar 'l isfel għandu jsir fuq bażi diretta u indiretta. Fir-rigward ta' persuna li jkollha dawk id-drittijiet jew setgħat dak il-kalkolu għandu wkoll, sal-limitu possibbli, isir fuq bażi kumulattiva irrispettivament minn f'kemm portafolli (*wallets*) u b'liema mod dawk id-dritiijiet u setgħat jistgħu jinżammu. Jekk azzjonijiet jinżammu minn intermedjarju, allura t-testijiet f'din l-Iskeda għandhom jiġu applikati għas-sidien benefiċjarji li jkunu obbligati javżaw lill-amministraturi jew lill-Awtorità dwar l-interessi ta' sjieda benefiċjarji kumulattivi tagħhom. Sa meta jasal iż-żmien li t-teknoloġija tal-arranġament tista' twettaq dawk il-kalkoli, id-dmir li jiġu dikjarati t-totali ta' ishma f'każijiet ta' ishma multipli, drittijiet u setgħat ikun fuq utent li jiġi avżat dwar dak id-dmir f'kull dokumentazzjoni rilevanti, inkluża kull *whitepaper.*

1.0.5 Il-kelma "azzjoni" tfisser dritt, reġistrat f'reġistru miżmum minn organizzazzjoni ġuridika, li, sakemm ma jkunx

VERŻJONI ELETTRONIKA

dikjarat mod ieħor fl-istrument kostituttiv tal-organizzazzjoni ġuridika partikolari, jagħti d-dritt lid-detentur biex jipparteċipa fil-kapital u fil-profitti u li jivvota fl-organu rilevanti ta' organizzazzjoni ġuridika, u għandha tinkludi kull interess ekwivalenti f'kull forma oħra ta' organizzazzjoni ġuridika, inklużi iżda mhux limitati għal, interessi f'soċjetà, drittijiet ta' parteċipazzjoni f'assoċjazzjoni, drittijiet benefiċjarji f'fondazzjoni, jew *tokens* jew attiv ieħor diġitali li jikkonferixxu dawk id-drittijiet fir-rigward ta' organizzazzjoni ġuridika jew fir-rigward ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva.

1.0.6 L-Awtorità għandha d-dritt titlob informazzjoni dwar jekk detenturi ta' azzjonijiet qablux li jaġixxu f'konformità fir-rigward ta' xi materja rilevanti speċifikata hawn aktar 'l isfel u f'dan il-każ għandha tittratta t-total jew il-grupp ta' dawk il-persuni bħala l-amministraturi jew l-azzjonisti kwalifikanti għall-finijiet ta' din l-Iskeda.

1.1 Amministraturi

1.1.1 Il-kelma "amministratur" m'għandhiex tinkludi:

(a) l-amministratur tekniku msemmi f'dan l-Att u tali funzjonarju hu preżunt li ma jaqax taħt dak it-terminu sakemm ir-rwol, setgħat u dmirijiet tiegħu li hu jassumi bil-miktub b'żieda ma' dawk imsemmija f'dan l-Att b'referenza għall-funzjoni ta' amministratur tekniku u rwoli anċillari jew relatati, setgħat u dmirijiet ma jikkwalifikawx taħt is-subparagrafu 1.1.3;

(b) kull utent li għandu d-dritt jew is-setgħa li jesprimi l-opinjoni jew il-kunsens tiegħu għal proposta fir-rigward tas-*software* li jikkonsisti f'arranġament ta' teknoloġija innovattiva meta dak il-utent hu membru tal-komunità tal-utenti u s-sehem jew funzjonijiet tiegħu ma jippermettux li waħdu jinfluwenza deċiżjonijiet.

Utent jitqies li jkun f'pożizzjoni li jinfluwenza deċiżjonijiet bħala amministratur jekk ikollu kariga fi ħdan l-organizzazzjoni li tippermettilu jivvota b'ippeżar ta' aktar minn 25% favur jew kontra deċiżjonijiet materjali li jirrigwardaw il-governanza tal-arranġament.

1.1.2 Persuna li taqa' taħt is-subparagrafu 1.1.3 ma tiġix eskluża minn dan it-terminu minħabba l-fatt li l-kariga jew xogħol li fihom hi impjegata huma msemmija taħt tismija differenti, kemm jekk tkun impjegata b'setgħat sħaħ jew ristretti, għal perjodu definit jew indefinit u kemm jekk b'rimunerazzjoni kemm jekk le, fi kwalunkwe livell fl-arranġament ta' teknoloġija innovattiva li hi tista'

VERŻJONI ELETTRONIKA

teżerċita dak ir-rwol, setgħat jew dmirijiet.

1.1.3 Għall-finijiet tal-artikolu 8(4)(a)(i), u mingħajr preġudizzju għall-mod li bih kull regola oħra taħt liġijiet oħra (inklużi dawk li jirrigwardaw il-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus) tista' topera, il-kelma "amministratur" għandha tfisser:

(a) persuna li għandha setgħat ta' rappreżentanza u li b'mod ġenerali tista' torbot lill-organizzazzjoni ġuridika f'kuntratt;

(b) persuna li għandha kontroll fuq l-attiv li jappartjeni lill-organizzazzjoni ġuridika u li jkollha xi setgħat fir-rigward tal-attiv ta' xi utent li jista' jkun qed juża l-arranġament;

(ċ) persuna li jkollha funzjonijiet ta' superviżjoni fuq l-operat tas-*software* u li tista' tintervjeni matul il-kors normali ta' negozju biex twieġeb għal mistoqsijiet tal-utenti, b'mod partikolari dwar aċċess għas-*software*, aċċess għal u setgħat biex temenda d-dokumentazzjoni li tevidenzja l-pattijiet u l-kondizzjonijiet applikabbli għal parteċipazzjoni fl-arranġament, għat-teħid ta' deċiżjonijiet li jirrigwardaw l-istedina lil persuni biex jipparteċipaw fl-arranġament, deċiżjonijiet dwar l-applikazzjoni ta' liġijiet mandatorji u b'mod ġenerali dwar bidliet li jirrigwardaw is-*software* stess meta dawn jiġu suġġeriti mis-suq fejn jopera, mill-amministratur tekniku jew mill-Awtorità, inkluż it-teħid ta' deċiżjonijiet finali fuq proposti ta' organizzazzjoni mill-ġdid jew firdiet tal-arranġament, u f'każijiet bħal dawn kull min ikollu s-setgħa li jiddeċiedi liema *blockchain* bażiku jew *software* tad-DLT għandhom jintużaw; u

(d) persuna li jkollha funzjonijiet ta' governanza ġenerali fir-rigward tal-arranġament, dmirijiet taħt xi regoli ta' borża, dmirijiet ta' konformità ma' xi liġijiet mandatorji li huma applikabbli fil-kuntest u obbligi oħra fiduċjarji elenkati fl-artikolu 1124A tal-Kodiċi Ċivili. (Kap. 16.)

2.1 Azzjonisti

2.1.1 Il-kelma "azzjonist" ma tinkludix:

(a) l-amministratur tekniku msemmi f'dan l-Att, ukoll jekk jingħata drittijiet u setgħat ta' kontroll fir-rigward tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan l-Att;

(b) kull utent li għandu d-dritt jew is-setgħa, inkluż permezz ta' *tokens*, li jesprimi l-opinjonijiet jew il-kunsens

VERŻJONI ELETTRONIKA

tiegħu għal proposta fir-rigward tas-*software* li jikkonsisti f'arranġament ta' teknoloġija innovattiva meta dak il-utent hu membru tal-komunità tal-utenti u s-sehem jew funzjonijiet tiegħu ma jippermettux li waħdu jinfluwenza deċiżjonijiet.

Utent ma jiġix hekk ikkunsidrat jekk is-setgħat li għandu huma biss mekkaniżmu li jinvolvi sempliċi vot jew espressjoni ta' appoġġ għal azzjonijiet ta' natura ordinarja maħsubin biex jinkiseb konsensus b'mod demokratiku fuq ħwejjeġ li għandhom x'jaqsmu mal-għan tal-organizzazzjoni li fuqhom l-utenti kollha huma permessi li jivvutaw.

2.1.2 Għall-finijiet tal-artikolu 8(4)(a)(ii), u mingħajr preġudizzju għall-mod li bih kull regola oħra taħt liġijiet oħra (inklużi dawk li jirrigwardaw il-prevenzjoni ta' ħasil ta' flus) tista' topera, il-kelma "azzjonist":

(a) għandha tinkludi kull detentur ta' azzjonijiet f'kumpanija, kull soċju f'soċjetà, kull benefiċjarju taħt fondazzjoni jew kull membru ieħor f'koperattiva jew assoċjazzjoni ta' persuni li għandu sehem fil-kapital jew sehem fil-profitti tal-organizzazzjoni ġuridika, u li jista' jivvota fuq materji ġenerali mqajma għad-detenturi tagħhom biex jesprimu l-opinjonijiet tagħhom;

(b) għandha tirreferi għal persuni li għandhom is-setgħa li jivvutaw fuq proposta biex jiġu emendati s-*software* jew l-arkitettura ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva liema emenda tista' timmodifika d-drittijiet tad-detenturi tiegħu ħlief dwar aspetti amministrattivi inkonsegwenzjali;

(ċ) tinkludi biss detentur ta' *tokens* kemm jekk maħruġin b'referenza għall-arranġament speċifiku ta' teknoloġija innovattiva jew mod ieħor, li:

(i) jinħarġu minn organizzazzjoni ġuridika b'referenza għal arranġament ta' teknoloġija innovattiva u li jikkonferixxu dawk id-drittijiet lid-detentur tagħhom bl-intenzjoni li jiġi rifless l-istess status u setgħat fl-organizzazzjoni ġuridika li hi s-sid tal-arranġament ta' teknoloġija; jew

(ii) jikkwalifikaw bħala "ekwità" fl-organizzazzjoni ġuridika jew fl-arranġament, billi jagħtu lid-detentur tagħhom sehem fil-kapital u fil-profitti ta', jew fir-rigward ta', l-arranġament u s-setgħat dwar vot fir-rigward ta' arranġament ta' teknoloġija innovattiva u li jippermettulu jivvota favur deċiżjonijiet materjali li

VERŻJONI ELETTRONIKA

għandhom x'jaqsmu ma' ħwejjeġ definiti stabbiliti għall-kontinwazzjoni tal-operazzjonijiet tal-arranġament u għandu:

A. peżata ta' aktar minn 25% tat-*tokens* totali maħruġin;

B. taħt setgħat riżervati, dritt ta' *veto* jew setgħa simili fejn jista' jiddetermina l-eżitu ta' vot jew proposta minħabba drittijiet speċjali vestiti fih minkejja li jista' jkollu inqas minn 25%,

u m'għandhiex tinkludi xi utent ieħor jew detentur ta' *tokens* jew attiv ieħor diġitali, ukoll jekk ikollhom dritt ta' vot, dritt li jingħataw *tokens* addizzjonali f'ċirkostanzi speċifikati jew xi setgħa jew dritt ieħor biex jipparteċipaw f'ċirkostanzi speċifikati.

3. L-Awtorità tista' toħroġ regoli jew linji gwida speċifiċi dwar l-interpretazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din l-Iskeda u tista' wkoll tfisser ulterjorment amministraturi u azzjonijiet għall-finijiet ta' dan l-Att.

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 137 tal-4 ta' Lulju, 2018.

ANĠLU FARRUGIA
Speaker

JOSANNE PARIS
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati